KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta # 18_19/05/10VI

# MINUTI TAT-TMINTAX- IL SEDUTA

**Tkomplija tat-tmintax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema li nżammet nhar **id-9 ta' Ġunju 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti għas-seduta kienu:**

**Is-Sindku** Nikki Dimech
**Il-Viċi Sindku** Joanna Gonzi
**Il-Kunsilliera** Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Cyrus Engerer, Julian Galea, Nicolai Gauci.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** Svetlana Curmi
**L-Uffiċjal** Althea Borg

**Skużat:** Patrick Pace

**Is-seduta bdiet fis-5.50pm.**

1.1 Is-Sindku N. Dimech ppropona biex ma jiġux diskussi materji li jirrigwardaw it-tender tal-*fairy lights*, *direct orders*, kif ukoll il-minuti tas-Seduta ta' April sakemm jintem il-*monitoring* li qed isir fuq il-Kunsill mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Qal li għandhom jiġu diskussi biss affarijiet ta' natura urġenti biex tkun tista' titkompla l-ħidma tal-Kunsill.

Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-5.52pm biex ikun jista' jitkellem is-Sur Bugelli.

1.2 Is-Sindku N. Dimech spejga lis-Sur Bugelli li mhux ser jiġu diskussi l-materji in konnessjoni mal-investigazzjoni. Is-Sur Bugelli ma sab l-ebda oġġezzjoni.

1.3 Is-Sindku N. Dimech qal li l-Kunsill waqqaf il-pagamenti kollha bħala mezz ta' prekawzzjoni ħlief dawk li huma kuntrattwali jew li l-Kunsill ikun jaf il-prezz eżatt tagħhom ta' kull xahar.

1.4 Is-Sur Bugelli qal li l-operat normali tal-Kunsill fejn m'hemmx issues għandu jibqa' għaddej. Qal li min-naħa tad-Dipartiment għaġġel biex is-stwazzjoni tiġi riżolta malajr. Huwa qal li l-Monitoring Unit fi ħdan id-Dipartiment għal Gvern Lokali ġabar u ra id-dokumenti kollha meħtieġa. Qal li minn dak in-nhar stess fiegħodu il-każ ma baqax tal-kompetenza tad-Dipartiment tiegħu u għalhekk hu kien għadda l-każ fżidejn awtoritajiet



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

oghla skont kif mitlub mil-ligi Kap 461 Artiklu 16. Hu qal li kien inkwetat dwar it-trinka li saret mis-subcontractor ġewwa x-Xatt u li kienet għada miftuħa. Qal ukoll illi l-Kunsill ma kienx alloka fondi sabiex issir din it-trinka u saret bi ksur tal-proċeduri. Saħaq li hija r-responsabilità tal-Kunsill sabiex jieħu miżuri ta' prevenzjoni biex ħadd ma jweġġa' u tigi re-instated it-trinka mingħajr ma jsir iktar dannu. Iżda qal li jekk il-Kunsill se jieħu azzjoni, id-Direttur Ġenerali għandu jkun infurmat qabel ma tittieħed l-azzjoni.

1.5 Is-Sindku N.Dimech qal li l-aħjar hu l-Kunsill jistenna r-rapporti mid-Dipartiment l-ewwel.

1.6 Is-Sur Bugelli qal li peress li l-każ ġie riferut lill-awtoritajiet ogħla ir-rapport mhux se joħroġ fi ftit granet. Is-Sur Bugelli spjega li d-Dipartiment għal Gvern Lokali m'għandux il-kompetenza legali u teknika biex ikompli jinvestiga l-operat tal-Kunsill

1.7 Il-Kunsillier J. Galea qal li l-kunsill jista' jibgħat il-ħaddiema tal-Kunsill sabiex titgħatta t-trinka.

1.8 Is-Sur Bugelli qal li d-Dipartiment lest li jirċievi kwalinkwa suġġeriment min-naħa tal-Kunsill sabiex tiġi rimedjata b'mod mill-aktar fis it-trinka. Spjega li għalkemm hu ħareġ *ruling* biex jitwaqqfu l-pagamenti fuq il-*fairy lights*, lest li jagħti *ruling* ieħor biex il-Kunsill jirrimedja dan il-periklu bl-anqas flus possibli għaliex hu jixtieq li l-Kunsill jevita li jweġġgħu n-nies minħabba din it-trinka.

1.9 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet ladarba hemm xi *wiring* u l-Kunsill jiddeċiedi li jgħatti t-trinka jekk ikunx hemm danni irriversibbli fejn il-kuntrattur ikun jista' jfittex il-Kunsill tad-danni.

1.10 Il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill għandu jqabbad lill-Kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħol fuq it-trinka. biex jitneħħa l-periklu.

1.11 Is-Sur Bugelli speċifika li f'dan il-każ m'għandux jirrimedja l-Kuntrattur iżda għandu jitqabbad s-Subcontractor li ħadem fuq it-trinka.

1.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-trinka saret mingħajr il-permessi meħtieġa. Is-Sur Bugelli qal li l-Kunsill għandu jġib il-permessi kollha meħtieġa biex ikun jista' jitgħatta l-periklu li jista' jiġi kkawżat minħabba din it-trinka.

Is-seduta tkompliet fis-18.05pm.

1.13 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi l-Kunsill irċieva talba mingħand l-organizzaturi tal-Grand Prix tal-Powerboats. Qalet li dan l-avveniment se jsir b'mod urġenti ġewwa tas-Sliema nhar il-Ġimgħa 11, is-Sibt 12 u l-Ħadd 13 ta' Ġunju. Is-Segretarju spjegat li dan huwa avveniment nazzjonali u li l-organizzatur kien ġa għamel l-arranġamenti kollha mal-Puluzija rigward id-diverzjoni tat-traffiku kif ukoll li jitneħħa l-*parking* mir-Restaurant La Rive sa Triq Censu Xerri ħdejn l-istamperija. Il-*parking* kien ser jitneħħa miż-żewġ naħat tat-triq għaliex il-*power boats* ser ikunu ipparkjati man-naħa tal-baħar

għalhekk it-traffiku d-direzzjoni lejn il-Belt Valleta ser jgħaddi minn mal-liwja quddiem Triq Sant'Antin il-barra lejn il-Gżira. It-traffiku li ġej mill-Gżira direzzjoni Tigne ser jitla minn Triq Censu Xerri.

Il-Kunsillier C. Engerer u S. Camilleri ma qablux li jitneħħa l-*parking* għar-residenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-organizzaturi saru jafu b'dan l-avveniment il- ġimgħa li għaddiet.

**18.07hrs**: Il-Kunsillier Edward Cuschieri ħareġ mill-laqgħa.

1.14 Is-Segretarju Ezekuttiv spejgat illi l-*powerboats* ser jgħaddu minn tas-Sliema fl-10 ta' filgħodu nhar il-Ħamis 10 ta' Ġunju.

1.15 Il-Kunsilliera Sandra Camilleri staqsiet kif resident/a ġewwa l-area ta' Tigne se jidħol ġewwa it-toroq fejn joqogħdu. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet spjegat ir-rotta tat-traffiku. Qalet li l-prova tat-tigrija ser issir il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju fil-ħamsa ta' filgħaxija, waqt li t-tiġrijiet uffiċjali se jsiru s-Sibt u l-Ħadd 12 u 13 ta' Gunju. Hi spjegat ukoll illi l-organizzatur ser inaddaf wara t-Tiġrija. Problema oħra kienet il-bankijiet li hemm max-Xatt fejn kienu se jkunu pparkjati l-*power boats*.

Il-Kunsillier Edward Cuschieri reġa daħal fis-6.11pm

1.16 Il-Kunsillier M. Debono qal li l-kunsill għalxejn kien qed jiddiskuti jekk issibx oġġezzjoni għal dan l-avveniment għax ġa kien hemm kollox organizzat. Is-Sindku N. Dimech qal li għal darb'oħra l-Kunsill kien infurmat fl-aħħar ġranet qabel ma jsir l-avveniment.

1.17 Il-Kunsillier J Galea staqsa kemm hemm bankijiet max-Xatt fejn ser isiru t-tiġrijet u l-avveniment.

1.18 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ser tibgħat lil Contracts Manager tal-Kunsill l-għada filgħodu biex jagħtina l-informazzjoni meħtieġa.

1.19 Il-Kunsillier Y. Cali qal li jkun tajjeb li dawn il-bankijiet ma jaqlahomx il-Kunsill iżda l-organizzatur għax jekk dawn isirilhom xi danni fuqhom ma jeħilx il-Kunsill iżda jkun responsabbli l-organizzatur għal kwalinkwa dannu li ssir fuqhom u fuq il-pavimentar.

1.20 Is-Sindku N. Dimech qal li f'dan il-każ il-Kunsill għandu jitlob garanzija mingħand l-organizzatur.

1.21 Is-Segretarju spejgat li l-kuntrattur qal li dan l-avveniment qed jiġi organizzat mill-Gvern.

1.22 Is-Sindku N. Dimech staqsa sabiex il-Kunsill ikollu ittra bil-miktub mingħand l-MTA u s-Segretarju Parlamentaru tal-Isports la l-Kunsill ma setax iwaqqaf l-avveniment milli

jsir. Qal ukoll li kemm l-MTA kif ukoll s-Segretarju Parlamentaru tal-Isports għandhom jagħmlu garanzija għal dannu li jista' jsir waqt dan l-avveniment.

1.23 Il-Kunsillier Y. Cali qal li l-organizzatur għandu jagħmel tajjeb għad-danni u mhux il-Gvern. Kif ukoll xtaq li l-Kunsill ikollu ritratti tal-bankijiet u l-area ta' fejn se jsir l-avveniment.

1.24 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill jistax jieħu vot dwar jekk jinqalawx il-bankijiet minn posthom. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-bankijiet ma jinqalgħux.

1.25 Il-Kunsillier Julian Galea staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk il-Kunsillier Martin Debono setax jirrekordja s-seduta fuq ir-*recorder* personali tiegħu, meta l-Kunsill kien ġa qed jirrekordja s-seduta fuq ir-*recorder* tal-Kunsill li kien ingħata lill-istess Kunsill mill-Kunsilliera S. Camilleri għax din ma kellix użu għalih.

1.26 Is-Sindku N. Dimech qal li hu ta l-permess lill-Kunsillier M. Debono biex jirrekordja s-seduta peress li l-minuti tas-seduta ta' April kienu intilfu.

Il-Kunsillier M. Debono qal li l-kunsill kien ha decizzjoni sabiex is-seduti jibdew jiġu rrekordjati.

1.27 Il-Kunsillier J. Galea qal li għandu jsir ir-recording uffiċjali tal-laqgħat tal-Kunsill u mhux b'mezzi personali għaliex b'hekk setgħa kien qed isir irrekordjar b'mod illegali. Is-Sindku N. Dimech talbu biex jirtira dak li kien qal għax kien ser iffitxxu rigward dan.

1.28 Il-Kunsillier M. Debono ppropona biex jiġu rrekordjati l-minuti bir-*recorder* personali tiegħu.

1.29 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-minuti hekk kif issa nbiddlet il-liġi jistgħu jiġu irrekordjati u billi l-Kunsilliera S. Camilleri ma kellix bżonn l-MP3 player personali tagħha hi kien iddeċidiet li tagħtih lill-Kunsill u b'hekk dan jinżamm biss ġewwa l-Kunsill u jintuża biss għall-Kunsill.

1.30 Minħabba nuqqas ta' qbil s-Sindku N. Dimech staqsa biex jittieħed vot biex tiġi sospiża s-seduta sakemm ikollna verifika mid-Dipartiment dwar dan.

1.31 Il-Kunsillier J. Galea qal li hu kull ma għamel huwa li staqsa jekk il-Kunsillier M. Debono setax jirrekordja s-seduta iżda mhux biex ma titkomplix is-seduta u jekk hemm xi verifika setgħu jivverifikaw dak il-ħin peress li kien hemm membri mid-Dipartiment għal Gvern Lokali preżenti għas-seduta.

1.32 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi kienet ikkonfermant b'mod verbali mad-Dipartiment għal Gvern Lokali illi setgħa jsir ir-recording tas-seduti u wara li jiġu approvati dawn jistgħu jiġu mħassra. Il-Kunsillier Cyrus Engerer semma' wkoll parti mil-liġi fejn ir-*recordings* jistgħu jiġu mħassrin.

1.33 Is-Sindku N. Dimech ippropona li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex l-affarijiet jikkalmaw. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda u l-kunsilliera Sandra Camilleri, Nicolai Gauci, Marianne Aquilina, Martin Debono u Edward Cuschieri vvotaw favur. Il-Viċi Sindku J. Gonzi, il-Kunsilliera J. Galea u C. Engerer ivvutaw kontra.

Is-seduta ġiet sospiża fis-6.30p.m.

1.34 Wara li kienet sospiża il-laqgħa s-Sindku qal li affarjiiet urġenti għad-deċiżjoni tal-Kunsill għandhom jintbagħtu b'*email* u li trid tingħata risposta lura bl-*email* fi żmien 24 siegħa lis-Segretarju Eżekuttiv.

Johanna Gonzi
Sindku

Svetlana R. Curmi
Segretarju Eżekuttiv